# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 702

KAZ NRU. 782

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony White

u

Merill Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 26 ta' Marzu 1996

Chairman : Is-Sur Anthony DeGiovanni

1. DAHLA

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 8 ta' Lulju 1993, riferenza ME/2/93 Vol. II/42 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti dicizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. RAPPREZENTANZA

2.1 L-appellant kien irraprezentat mis-sur Tony Zarb, Segretarju, Taqsima Port u Trasport tal-General Workers' Union.

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mill-avukat Tonio Farrugia.

## 3. LISTA TA' XHIEDA

3.1 Ghall-Kumpanija xehdu :

l-avukat Tonio Farrugia, Anton Ferris, Emanuel Gatt, u Thomas Sammut.

3.2 Ghall-appellant xehdu :

John Gauci, L-Onorevoli Joseph Mizzi, Raymond Pace.

3.3 Stephen Green ingieb jixhed mit-Tribunal Industrijali.

## 4. HATRA TA' ESPERT

It-Tribunal Industrijali hatar lil Roland Micallef Attard F.I.A., C.A.A.A., A.I.D.P.M. bhala espert biex jezamina l-kotba tal-Kumpanija bil-hsieb li jinvestiga :

4.1 Jekk il-Kumpanija mpjegatx lil xi persuna wara s-27 ta' Dicembru 1991 u jekk iva, min kienet il-persuna u f'liema kariga kienet giet impjegata.

4.2 Liema miz-zewg Kumpaniji minn Merill Ltd jew Forwarders Ltd kienet hallset il-bolla tas-Sigurta' Socjali ghal Stephen Green wara s-27 ta' Dicembru 1991.

## 5. PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI

5.1 L-appellant ipprezenta :

5.1.1 "l-istatement of case" li kien jinkludi erba' appendici u lista ta' xhieda immarkat Dok. 1.

5.1.2 Kopja ta' pagna tal-gazzetta "The Sunday Times" tas-26 ta' Gunju 1994 Dok 3.

5.1.3 Is-sottomissjonijiet finali Dok 4.

5.2 Il-Kumpanija pprezentat :

5.2.1 "l-istatement of case" li kien jinkludi hdax l-appendici u lista ta' xhieda mmarkat Dok 2.

5.2.1 Nota ta' oggezzjoni dwar ix-xhieda ta' Raymond Pace Dok 5.

5.2.2 Is-sottomissjonijiet finali immarkati Dok 6.

5.3 Ix-xhieda Stephen Green u Thomas Sammut ipprezentaw dokumenti ohra immarkati SG 1, SG 2, SG 3 u ETC 1, ETC 2, ETC 3 u ETC 4 rispettivament.

5.4 L-espert Roland Micallef Attard mahtur mit-Tribunal ip-prezenta zewg dokumenti mmarkati Dok 7 u Dok 8.

6. <u>TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET</u>

6.1 L-appellant stqarr li :

6.1.1 Hu kien gie mpjegat mill-kumpanija nhar l-4 ta' Ottubru 1987 bhala sewwieq. Warajh gew impjegati erba' sewwieqa ohra.

6.1.2 Nhar l-24 ta' Ottubru 1991 inghata avviz li l-impjieg tieghu gie terminat minhabba nuqqas ta' xoghol

6.1.3 Il-procedura ghat-temm ta' l-impjieg applikata mill-Kumpanija tmur kontra l-provvedimenti ta' Kapitlu 135 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant it-temm ta' l-impjieg tieghu sar bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta.

6.1.4 Minhabba dan kollu hu kellu dritt li jiddahhal lura fl-impjieg minghajr ma jitlef xejn mid-drittijiet li kellu.

6.2 Il-Kumpanija stqarret li :

6.2.1 l-appellant kien impjegat maghha sa mill-1986 meta kienet immexxija minn Raymond Pace

6.2.2 f'Settembru 1991 minhabba tilwim li nholoq fit-tmexxija tal-Kumpanija din tilfet l-agenzija ta' De Haan Transport (Malta) Ltd. F'dan iz-zmien kienu nghataw is-sensja xi haddiema klerikali u sewwieqa izda l-appellant kompla fl-impjieg.

6.2.3 F' Ottubru 1991 il-Kumpanija tilfet ukoll il-kuntratt tal-Kumpanija estera De Haan Expeditie B.V. Ghaldaqstant il-Kumpanija temmet l-impjieg ta' l-appellant bl-avviz statutorju. Aktar tard fis-27 ta' Dicembru 1991 hi waqfet topera kummercjalment u temmet l-impjieg ta' kull min kien ghadu jahdem mal-Kumpanija.

6.2.4 Wara din id-data ma nbidel xejn dwar l-impjiegi u ghaldaqstant il-pretenzjonijiet ta' l-appellant huma bla bazi fattwali u guridika. Il-kumpanija talbet lit-Tribunal jichad it-talbiet kollha ta' l-appellant.

7. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

7.1 L-appellant argumenta li :

7.1.1 l-Kumpanija ghadha registrata u topera sal-lum u mkien ma nghad li l-appellant kien nieqes minn xi hila fil-qadi ta' dmirijietu

7.1.2 ma nghatat ebda raguni sodisfacenti ghaliex l-appellant ma kienx offrut impjieg mal-Kumpanija Forwarders Ltd li rebhet l-agenzija ta' De Haan Transport (Malta) Ltd

7.1.3 minkejja kollox il-provvedimenti tal-Ligi li minn jidhol fl-impjieg l-ahhar jispicca l-ewwel ma kienux segwiti fil-konfront tieghu

7.1.4 r-raguni vera ghaliex ma kienx offrut impjieg ma' Forwarders Ltd kien minhabba t-tilwima li nqalet bejn id-dirigenti tal-Kumpanija

7.1.5 hu ghad ghandhu jiehu hafna flus mill-Kumpanija, ghad ma sabx impjieg permanenti, u ghandu jinghata kumpens xieraq.

7.2 Il-Kumpanija argumentat li :

7.2.1 wara li tilfet zewg kuntratti kummercjali u minhabba n-nuqqas ta' xoghol li rrizulta, hija tterminat l-impjieg ta' kulhadd u ma komplietx topera kummercjalment

7.2.2 il-mod ta' kif itterminat l-impjieg fil-konfront ta' l-appellant kien rigorozament skond il-provvedimenti tal-Ligi

7.2.3 il-pretenzjoni ta' l-appellant li kellu xi dritt ghal impjieg ma' Forwarders Ltd ma ghandha ebda bazi guridika

7.2.4 fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet ta' l-appellant ghandhom ikunu michuda.

8. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

It-Tribunal Industrijali osserva li :

8.1 wara t-tmiem ta' l-impjieg ta' l-appellant il-Kumpanija ma kellha ebda sewwieq iehor impjegat maghha u sa l-ahhar seduta tat-Tribunal Industrijali ma kien hemm hadd impjegat mal-Kumpanija.

8.2 wara t-tmiem ta' l-impjieg ta' l-appellant il-bolla tas-Sigurta' Socjali ta' Stephen Green - is-sewwieq li l-appellant allega li kompla fl-impjieg warajh kontra l-provvedimenti tal-Ligi - thallsu mill-Kumpanija Forwarders Ltd u mhux mill-Merill Ltd

8.3 l-appellant fl-ebda stadju ma gab provi li dak li stqarret il-Kumpanija dwar it-telf taz-zewg kuntratti, wiehed ma' De Haan Transport (Malta) Ltd u l-iehor ma De Haan Expeditie B.V. ma kienx minnu. Kien dan in-nuqqas ta' xoghol li waqqaf lill-Kumpanija milli tkompli topera kummercjalment

8.4 il-kaz quddiemu hu wiehed ta' allegata tkeccija ngusta u kif inhi l-Ligi llum mhux kompitu tieghu jezamina ghaliex il-kumpanija Forwarders Ltd - li mhix parti f'dan il-kaz - ma offrietx impjieg lill-appellant

8.5 il-kwistjoni kollha hi dwar jekk kienx hemm "redundancy" genwina u jekk ir-"redundancy" saritx skond il-Ligi.

9. <u>DECIZJONI</u>

It-Tribunal Industrijali ddecieda li :

9.1 fin-nuqqas ta' provi mod iehor ir-raguni tar-"redundancy" kienet minhabba nuqqas serju ta' xoghol

9.2 fil-konfront ta' l-appellant ir-"redundancy" saret skond il-Ligi

9.3 ghall-finijiet tar-regolamenti ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Industrijali qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri id-drittijiet fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Anthony DeGiovanni
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg